MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 02 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' kemm fil-Bini Amministrattiv fi 395, Triq il-Vitorja Ħal Qormi, kif ukoll b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:

| | |
|---|---|
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Viċi Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sa Christine Dalli |

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 02.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

01.1.1 Il-President qara l-ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku ta' Marsaxlokk fejn ta r-raġuni għaliex ma setax jattendi.

01.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

02.2.1 Il-President ressaq il-minuti tal-ewwel (01) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

01.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlo Mifsud u ssekondata mis-Sur Scott Camilleri, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-minuti msemmija.

## 02.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Seminar mill-Uffiċjali Maniġerjali għall-Kunsilli Lokali fir-reġjun**

02.3.1 Il-President qal li, mill-kummenti li rċieva, jidher li s-seminar li sar mill-uffiċjali maniġerjali għall-Kunsilli Lokali intlaqa' tajjeb u l-Kunsilli Lokali issa huma aktar infurmati dwar il-

ħidma li se jkunu qed iwettqu dawn l-uffiċjali. Hu wera s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li fis-seminar, kien hemm rappreżentanza minn kull Kunsill Lokali fir-reġjun. L-aktar punti li tqajmu kienu dwar l-immaniġġjar tal-iskart, u l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jara li s-sehem tiegħu bħala koordinatur ewlieni ta' dan is-servizz ikun tal-ogħla livell. Il-preżentazzjoni tal-uffiċjali maniġerjali ntbagħtet lill-Kunsilli Lokali kollha biex tintbagħat lill-Membri kollha tal-Kunsill.

**- Sħubija fi proġett mill-Programm Europe for Citizens 'European Voices Challenging Euroscepticism'**

02.3.2 Il-President ħabbar li matul il-jumejn li għaddew il-Kunsill Reġjonali laqa' f'Malta mal-55 rappreżentant minn 27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea għat-tieni sessjoni ta' laqgħat marbuta mal-proġett 'European Voices Challenging Eurocepticism' mill-programm Europe for Citizens. Europe for Citizens hi pjattaforma tal-Unjoni Ewropea li tgħaqqad l-imsieħba u l-istituzzjonijiet lokali tagħhom sabiex jiddiskuti suġġetti li jkunu qed jaffettwaw il-ħidma tagħhom. Is-suġġetti li ġew diskussi fil-laqgħat li saru f'Malta kienu l-immigrazzjoni u l-użu tal-fondi Ewropej. Il-promoturi ewlenin tal-proġett huma Concello de Rois ta' Spanja u l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar huwa wieħed mill-partners tal-proġett. Ir-rappreżentanti kollha għaddewlna kummenti pożittivi dwar il-programm li tħejja għalihom f'Malta u qalu li din kienet għalihom esperjenza li mhux se jinsew.

**- MOU mal-Arċidjoċesi ta' Malta**

02.3.3 Il-President semma' kif matul il-jiem li għaddew il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iffirma MOU mal-Arċidjoċesi ta' Malta biex jagħmel użu minn parti miċ-Ċentru Parrokkjali tal-Parroċċa ftit metri 'l bogħod mill-bini amministrattiv sakemm jitlestew ix-xogħlijiet strutturali neċessarji.

**- Inizjattivi għal żmien il-Għid**

02.3.4 Il-President qal li l-Kunsill Reġjonali se jkun qed jorganizza symposium dwar it-tradizzjonijiet marbuta maż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir f'Malta. Bħalissa għaddej xogħol permezz tal-uffiċjal maniġerjali tal-kultura dwar it-tqassim, l-organizzar u l-għażla tal-post għal din il-konferenza.

02.3.5 Il-President ħabbar li sad-data tal-għeluq intlaqgħu seba' proposti minn sitt Kunsilli Lokali sabiex jorganizzaw attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Reġjonali fi żmien il-Għid. Hu qal li ħafna mill-proposti huma interessanti u sar ħafna xogħol biex ġew imfassla. Għaldaqstant,

tkun ħasra jekk tintgħażel attività waħda biss. Hu ippropona li l-Kunsill Reġjonali jalloka s-somma ta' 2,000 ewro lil kull wieħed minn dawn is-sitt Kunsilli lokali sabiex jiġu rimborsati mill-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet li ppreponew. Il-Kunsill Lokali, imbagħad jagħmel tajjeb hu għall-ispejjeż addizzjonali, biex b'hekk il-Kunsill Reġjonali jkun qed jgħin ftit lil kull attività proposta. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

02.3.6 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta tal-President b'mod unanimu.

**- Allokazzjoni finanzjarja lill-Kunsilli Reġjonali mill-Gvern Ċentrali**

02.3.7 Il-President irrefera għall-punt li tqajjem mid-Deputat President fil-laqgħa preċedenti fejn semmiet li biex il-Kunsill Reġjonali seta' jkopri s-salarji tas-sitt uffiċjali maniġerjali kellha tingħata grant ta' darba mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u sa issa għad m'hemmx garanzija li din se tibqa' tingħata. Il-President żied jgħid li ressaq dan l-argument fil-laqgħa tal-Eżekuttiv tal-AKL u l-Membri qalu li se jevalwaw il-business plans tal-Kunsilli Reġjonali kollha ġaladarba jiġu ppubblikati. Id-diffikultà hi li ftit huma dawk li diġà ppubblikaw il-business plan tagħhom. Il-President saħaq li se jibqa' jiddiskuti dwar dan is-suġġett anke f'laqgħat oħra li jkollu sakemm ikun żgurat li l-iffinanzjar tal-Kunsilli Reġjonali jkun sostenibbli u kapaċi jilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni.

**- Kummenti**

02.3.8 Fil-ħin allokat għall-kummenti, is-Sur Scott Camilleri rrimarka li l-Kunsilli Lokali u Reġjonali jinsabu għaddejjin minn diffikultajiet kbar biex jingaġġaw staff klerikali minħabba sistemi riġidi fit-taqsima tal-HR tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li ma japplikawx għaż-żminijiet tal-lum. Postijiet vakanti mhumiex qed jimtlew, minkejja li jkun hemm applikanti validi għax ma jiġux aċċettati mill-management tal-HR fuq irquqijiet żgħar li mhumiex importanti. Hu rrefera għall-fatt li l-Kunsill Reġjonali ħareġ sejħa darbtejn għal pożizzjoni klerikali u t-taqsima tal-HR tirrifjuta d-deċiżjoni tal-bord tal-għażla fiż-żewġ każijiet.

02.3.9 Il-President qabel mas-Sur Camilleri u qal li diġà ressaq dan l-argument mal-President tal-AKL u jinsabu għaddejjin diskussjonijiet dwar dan is-suġġett. Qed jistenna risposta mingħandu qabel imur għall-pass li jmiss. Fil-każ, se jkollha terġa' tinħareġ is-sejħa għat-tielet darba, imma dan ikun ifisser ħela ta' żmien għall-Kunsill Reġjonali u għall-membri tal-bord tal-għażla.

02.3.10 Is-Sur Stephen Sultana rrefera għall-attivitajiet tal-Għid u wera s-sodisfazzjon tiegħu għall-proposta tal-President li tingħata għajnuna lil dawk kollha li ressqu l-proposti tagħhom għax b'hekk se jkunu jistgħu jsiru aktar attivitajiet filwaqt li l-għajnuna tkun qed titqassam bejn aktar Kunsilli Lokali. Hu żied jgħid li l-fatt li ċertu attivitajiet se jkunu permessi wara li ilhom neqsin sentejn minħabba l-pandemija żied aktar l-interess mill-Kunsilli Lokali u l-għaqdiet tal-lokal.

02.3.11 Is-Sur Josef Azzopardi qal li kienet idea tajba li tingħata għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali kollha li ressqu l-proposti. Hu ssuġġerixxa li darb'oħra tingħata għajnuna finanzjarja li tinqasam bejn il-Kunsilli Lokali kollha fir-reġjun biex kulħadd ikollu l-opportunità jtella' attivitajiet fil-lokalità.

02.3.12 Is-Sa Doris Abela qalet li hi wkoll taqbel li jekk il-Kunsill Reġjonali se jkun qed joħroġ skema, il-fondi għandhom jinqasmu bejn kull Kunsill Lokali. Fuq nota differenti, hi wriet id-diżappunt tagħha għall-mod kif qed jiġu evalwati l-applikazzjonijiet tal-iskemi tad-DLG. Hi qalet li minkejja li l-Kunsill Lokali taż-Żejtun jissottometti applikazzjonijiet ta' livell għoli sabiex ikun jista' jibbenefika minn fondi għal proġetti fil-lokalità, dawn qatt ma jiġu magħżula.

02.3.13 Il-President qal li kull Kunsill Lokali kellu opportunità jissottometti proposti għal xi attività fi żmien il-Għid mal-Kunsill Reġjonali, imma sitta biss ħadu ħsieb jibagħtu l-proposti tagħhom. Hu qal li l-opportunitajiet jiġu offruti lil kull Kunsill Lokali, imma mbagħad kulħadd irid jagħmel il-parti tiegħu u jekk tintalab li tintbagħat proposta, il-Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb li jibgħat il-proposta tiegħu biex il-Kunsill Reġjonali jkun jaf għalxiex se joħroġ il-flus. Hu żied jgħid li bħala Kunsill Reġjonali b'kompożizzjoni ġdida rridu nieħdu l-esperjenza minn xulxin u nadottaw sistemi li japplikaw għall-Kunsilli Lokali kollha fir-reġjun.

02.3.14 Id-Deputat President kompliet fuq dak li qal il-President u qalet li flimkien irridu naraw kif se jkun qed jiffunzjona l-Kunsill Reġjonali b'din il-kompożizzjoni. Hija ċara li kien hemm interess minn ħafna lokalitajiet, speċjalment dawk ġodda. L-esperjenza se tkun qed tgħallimna kif għandna nimxu minn issa 'l quddiem. Fil-leġiżlatura preċedenti, il-Kunsilli Lokali dejjem intalbu jibagħtu l-proposti tagħhom biex jagħmlu użu minn skemi mir-Reġjun, anke meta l-fondi kienu se jinqasmu bejn il-Kunsilli Lokali kollha u l-approvazzjoni kienet tingħata mill-Membri preżenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali

02.3.15 Il-President qal li hu importanti li r-rimbors għal dawn l-attivitajiet mill-Kunsilli Lokali għandu jintalab fiż-żmien mitlub u ma tinqabiżx id-data indikata mill-Kunsill Reġjonali biex ma jinqalgħux diffikultajiet mal-Awdituri kif ġara fuq skemi oħra fil-leġiżlatura preċedenti.

## 02.4 Skeda ta' Pagamenti;

02.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/22A-1 u 02/22B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

02.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Charlo Mifsud u ssekondata minn Dr Marija Sara Vella, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta' pagamenti msemmija.

## 02.5 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13);

02.5.1 Il-President qal li, matul il-jiem li għaddew, il-membri tal-bord tal-għażla maħtur mill-Kunsill Reġjonali għal din is-sejħa, għamel intervista lill-unika persuna li applikat u li instabet kienet eliġibbli mill-bord. Madanakollu, għal darb'oħra id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali reġgħet irrifjutat id-deċiżjoni tal-bord, minkejja li l-persuna għandha esperjenza ta' ħames snin xogħol ma' Kunsill Lokali. Id-diffikultà inqalgħet minħabba li wieħed mill-kriterji akkademiċi kien ftit anqas minn dak mitlub. Il-bord tal-għażla kien ipproċeda bl-intervista għax il-persuna kellha aktar minn tliet snin esperjenza ta' xogħol ma' Kunsill Lokali, kif kien mitlub fis-sejħa, u diġà kienet qed tokkupa l-istess pożizzjoni. Il-President qal li se jkun qed jiddiskuti biex jara jistax jirrisolvi din il-problema. Fil-każ ikollha terġa' tinħareġ is-sejħa għal darb'oħra.

## 02.6 Skema għall-Kunsilli Lokali fuq Proġett Ambjentali;

02.6.1 Il-President ressaq applikazzjoni mill-Kunsill Reġjonali biex tiġi sottomessa lil Ambjent Malta ħalli jkun jista' jibbenefika minn fondi għal proġett ta' roof garden fuq il-bini amministrattiv, sistema ta' irrigazzjoni u installazzjoni ta' panelli solari fuq il-bejt. Kopja tal-applikazzjoni ntbagħtet minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

02.6.2 Il-Membri preżenti approvaw l-applikazzjoni b'mod unanimu.

## 02.7 Community Inclusive Employment Scheme;

02.7.1 Il-President ressaq applikazzjoni biex il-Kunsill Reġjonali jibbenefika minn din l-iskema. Kopja tal-applikazzjoni ntbagħtet minn qabel lill-Membri u għaldaqstant ġiet kunsidrata bħala moqrija. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

02.7.02 Il-Membri preżenti approvaw l-applikazzjoni b'mod unanimu.

## 02.8 Affarijiet Oħra;

**- Talba biex il-Kunsill Reġjonali jkun jista' japplika għal aktar skemi ta' fondi**

02.8.1 Il-President semma' kif numru ta' skemi ta' fondi maħruġa minn Ministeri u entitajiet oħra ma jkunux jinkludu lill-Kunsilli Reġjonali għax ir-regolamenti eżistenti ma jagħtuhomx id-dritt li jibbenefikaw minn dawn il-fondi. Wara diskussjonijiet li saru mill-uffiċjali maniġerjali tal-Kunsill Reġjonali, dawn ingħataw direzzjoni biex issir talba b'mod uffiċjali biex jiġu emendati r-regolamenti marbuta ma' dawn l-iskemi b'tali mod li jkunu jinkludu anke lill-Kunsilli Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti sabiex il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jiddiskuti mal-Kunsilli Reġjonali l-oħra sabiex ikun hemm koordinazzjoni f'dan ir-rigward u tintbagħat talba b'mod uffiċjali f'isem il-Kunsilli Reġjonali kollha.

02.11.2 Il-Membri approvaw it-talba tal-President b'mod unanimu.

**- Gal Xlokk Measure 3 – Promotion of the Cultural Heritage**

02.8.3 Il-President ressaq proposta mill-uffiċjal maniġerjali għall-fondi sabiex il-Kunsill Reġjonali jikkoordina mal-Kunsilli lokali fir-Reġjun u jissottometti applikazzjoni għal fondi fuq proġett li minnu jibbenefikaw il-Kunsilli lokali fir-reġjun, jekk toħroġ is-sejħa f'Marzu. Il-proposta tinludi pubblikazzjonijiet b'informazzjoni fuq il-lokalitajiet tar-reġjun. Il-President qal li tliet Kunsilli Lokali fir-reġjun ma jistgħux jibbenefikaw minn din l-iskema għax mhumiex inkużi fil-lista tal-Gal Xlokk, imma teżisti l-possibilità li nsibu għajnuna minn sorsi oħra sabiex jiġu inklużi huma wkoll f'dan il-proġett. Il-President qal li x-xogħol amministrattiv se jkun qed isir kollu mill-uffiċjal maniġerjali għall-fondi, imma wieħed mill-Kunsilli Lokali jintalab ikun project leader u l-kumplament tal-Kunsilli Lokali jkunu partners. Hu talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

02.8.4 Il-Membri preżenti approvaw il-proposta b'mod unanimu.

**- Rapport tal-evalwazzjoni ta' impatti soċjali**

02.8.5 Il-President ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Direttorat tal-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy li tfakkar li fl-ewwel sena ta' kull leġiżlatura, l-Kunsill Reġjonali għandu jieħu ħsieb li jagħmel rapport tal-evalwazzjoni ta' impatti soċjali fir-reġjun. Hu qal li se jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn id-Direttorat u l-Kunsilli Reġjonali sabiex jiġi adottat mekkaniżmu u linji gwida biex jitwettaq dan il-proċess.

**- Għeluq tas-sena finanzjarja 2021**

02.8.6 Il-President irrefera għaċ-Ċirkolari 02/2022 mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u qal li fi ftit tal-jiem oħra l-Membri tal-Kunsill Reġjonali għandhom jerġgħu jiltaqgħu sabiex jiġu ppreżentati u approvati r-rapporti finanzjarji tas-sena 2021 qabel jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 01.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

01.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18.55 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 28 ta' Frar 2022 fil-5.00 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |